*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,551, 9 ta' Diċembru, 2025*
*Taqsima B*

**A.L. 281 tal-2025**

## ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA (KAP. 595)

### Ordni tal-2025 li jemenda l-Ordni li jwaqqaf l-Aġenzija tal-Programmi tal-Unjoni Ewropea

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-Prim Ministru għamel dan l-ordni li ġej:-

**1.** It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2025 li jemenda l-Ordni li jwaqqaf l-Aġenzija tal-Programmi tal-Unjoni Ewropea u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni li jwaqqaf l-Aġenzija tal-Programmi tal-Unjoni Ewropea, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ l-"ordni prinċipali". Titolu. L.S. 595.30.

**2.** L-artikolu 2 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda l-artikolu 2 tal-ordni prinċipali.

(a) it-tifsira "awtorità nazzjonali" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "Awtorità Nazzjonali" tfisser l-uffiċċju maħtur skont il-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni Ewropea sabiex jimmonitorja u jissorvelja t-tmexxija tal-Programm Erasmus+ u tal-Programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà f'Malta skont il-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni Ewropea;";

(b) minnufih wara t-tifsira "azzjonijiet" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "Korp Ewropew ta' Solidarjetà" tfisser il-programm imwaqqaf permezz tal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni Ewropea;

(ċ) minnufih wara t-tifsira "network" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "Programm Erasmus+" tfisser il-programm imwaqqaf permezz tal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni Ewropea;".

Jemenda l-artikolu 3 tal-ordni prinċipali.

**3.** Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-ordni prinċipali l-kliem "2014-2020" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà".

Iżid artikolu ġdid mal-ordni prinċipali.

**4.** Minnufih wara l-artikolu 4 tal-ordni prinċipali għandu jiġi miżjud l-artikolu ġdid li ġej:

"Responsabbiltajiet tal-Awtorità Nazzjonali.

4A. (1) L-Awtorità Nazzjonali għandha tkun responsabbli għall-monitoraġġ u s-superviżjoni tat-tmexxija tal-Aġenzija Nazzjonali fuq livell nazzjonali fl-implimentazzjoni tal-programm għall-azzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Programm Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, skont ir-Regolamenti applikabbli tal-Unjoni Ewropea u d-dispożizzjonijiet nazzjonali.

(2) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha, l-Awtorità Nazzjonali għandha b'mod partikolari:

(a) tiżgura l-monitoraġġ u s-superviżjoni idoneja tal-Aġenzija Nazzjonali sabiex tiggarantixxi li l-operat tagħha jkunu allinjati bis-sħiħ mar-Regolamenti, il-linji gwida u l-prijoritajiet nazzjonali tal-Unjoni Ewropea;

(b) tiżgura li l-Aġenzija Nazzjonali timmaniġġja r-riżorsi finanzjarji kollha fdati lilha b'mod trasparenti, preċiż u responsabbli, f'konformità mar-Regolamenti u r-rekwiżiti finanzjarji tal-Unjoni Ewropea u nazzjonali.

(3) L-Awtorità Nazzjonali għandha tipprovdi kofinanzjament adegwat għall-operat tal-aġenzija nazzjonali tagħha sabiex tiżgura li l-Programm Erasmus + u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jiġu ġestiti skont ir-Regolamenti applikabbli tal-Unjoni Ewropea.

(4) Bla ħsara għal kwalunkwe azzjoni oħra li l-Awtorità Nazzjonali hija meħtieġa li tibda jew li tieħu taħt kwalunkwe liġi oħra tal-Unjoni Ewropea jew nazzjonali, fejn l-Awtorità Nazzjonali tidentifika permezz tal-kontroll tagħha li seħħew irregolaritajiet jew frodi serji, hija għandha tinforma minnufih lill-Ministru sabiex iżomm jew iżomm parzjalment kwalunkwe pagament ulterjuri ta' fondi nazzjonali.".

Jemenda l-artikolu 5 tal-ordni prinċipali.

**5.** Is-subartikolu (3) tal-artikolu 5 tal-ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) L-Aġenzija Nazzjonali għandha tkun Aġenzija tal-Gvern kif imwaqqfa skont l-artikolu 26 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.".

Kap. 595.

**6.** Is-subartikolu (1) tal-artikolu 7 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Jemenda l-artikolu 7 tal-ordni prinċipali.

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu l-kliem "tagħti flejjes" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tipproċessa pagamenti";

(b) fil-paragrafu (ċ) tiegħu l-kelma "mill-Ministru" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "mis-Segretarju Permanenti".

**7.** Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 8 tal-ordni prinċipali minnufih wara l-kliem "stabbilit fl-artikolu 3(1)" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "b'kont meħud tal-gwidi tal-programmi tal-Kummissjoni".

Jemenda l-artikolu 8 tal-ordni prinċipali.

**8.** L-artikolu 12 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Jemenda l-artikolu 12 tal-ordni prinċipali.

(a) fis-subartikolu (4) tiegħu l-kliem "maħtura mill-Ministru" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "maħtura mill-Koordinatur Nazzjonali";

(b) fis-subartikolu (5) tiegħu minnufih wara l-kliem "Programm Erasmus+" għandu jiġi miżjud il-kliem "u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà";

(ċ) is-subartikolu (9) tiegħu għandu jiġi mħassar.